Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' April, 2013, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-uffiċċji taċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:-

*Kwot. Nru. WSM/Q/038/2013. Provvista u konsenja ta' *ferric chloride*.

*Kwot. Nru. WSMQ/039/2013. Provvista u konsenja ta' *activated carbon*.

Id-dokumenti għal dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' April, 2013, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji taċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:-

*Avviż Nru. WSM/028/2013. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' *Heating Gas Oil*.

*Avviż Nru. WSM/029/2013. Kuntratt perjodiku għall-*Movement* ta' CAT I u CAT III ABPs.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull dokument tal-offerta.

*Avviżi/Kwotazzjonijiet li qed jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m.

Is-sottomissjoni tal-offerti/kwotazzjonijiet hija mingħajr ħlas. Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq il-*website: (*www.wasteservmalta.com) jew wieħed jista' jikkuntattja (contracts@wasteservmalta.com) jew fuq in-numru tat-telefon 2385 8239. Huwa fl-interess ta' min japplika li jiċċekkja l-*website* tal-WasteServ għal aġġornamenti minn żmien għal żmien.

It-28 ta' Marzu, 2013

Advt. No. WSM/025/2013. Period contract for the hiring of two (2) low emission eight wheeler tipper trucks, with drivers for the enabling works at the Magħtab Rehabilitation Project.

Advt. No. WSM/027/2013. Period contract for the supply and delivery of ferric chloride.

A fee of €50.00 has to be paid for each tender document.

Sealed quotations will be received at the offices of the Chief Executive Officer WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 till noon of Friday, 12th April 2013, for:-

*Quot. No. WSMQ/038/2013. Supply and delivery of ferric chloride.

*Quot. No. WSMQ/039/2013. Supply and delivery of activated carbon.

Participation fee of a call for these quotations is free of charge.

Sealed tenders will be received at the offices of the Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 till noon of Friday, 19th April, 2013, for:-

*Advt. No. WSM/028/2013. Period contract for the supply and delivery of Heating Gas Oil.

*Advt. No. WSM/029/2013. Period contract for the Movement of CAT I and CAT III ABPs.

A fee of €50.00 has to be paid for each tender document.

*Advertisements/Quotations appearing for the first time

Tender/quotation forms may be obtained together with any further information required from the mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and 3.00 p.m.

Submission of tenders/quotations is free of charge. Further information can be obtained from the website: (www.wasteservmalta.com) or (contracts@wasteservmalta.com) or on telephone number 2385 8239. It is in the bidders' interest to periodically check the WasteServ website for any updates.

28th March, 2013

WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' April, 2013 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji taċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:-

Avviż Nru. WSM/021/2013. Kuntratt perjodiku għal servizzi ta' *pipe fittings* għall-immodernizzar tal-*gas extraction* fil-*Landfill* tal-Qortin, Għawdex.

Avviż Nru. WSM/022/2013. Provvista u konsenja ta' *pipe fittings* galvanizzati u tal-i*stainless steel* għall-immodernizzar tas-sistema tal-*gas extraction* mill-*Landfill* tal-Qortin, Għawdex.

M'hemmx ħlas għad-dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m.

It-28 ta' Marzu, 2013

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd notifies that:-

Sealed tenders will be received at the offices of Chief Executive Officer WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 up to noon of Friday, 19th April, 2013, for:-

Advt. No. WSM/021/2013. Period contract for pipe fitting services at the Qortin Landfill Gozo gas extraction upgrade.

Advt. No. WSM/022/2013. Supply and delivery of galvanised and stainless steel pipe-fittings for the Qortin Gozo gas extraction system upgrade.

Participation fee is free of charge.

Tender documents may be collected from the above mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and 3.00 p.m

28th March, 2013

Programm Operattiv I - Politika ta' Koeżjoni 2007 - 2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Offerta parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Tender part-financed by the European Union
Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' April 2013, fil-Kaxxa tal-Offerti *(Reception* - Livell 1), Transport Malta, Malta Transport Centre, Il-Marsa, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin, kompluti bid-dokumenti kollha meħtieġa, għal:-

Kwot. Nru. TM Quot 101/2013. Servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun tal-Lvant għad-Direttorat tat-Toroq u Infrastruttura, Transport Malta.

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that:

Sealed quotations, complete with all required documents, are to be submitted in the Tender Box (Reception - Level 1), Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa, up to 10.00 a.m. of Friday, 5th April 2013, for:-

Quot. No. TM Quot 101/2013. Services of Local Wardens for the East Region to the Roads and Infrastructure Directorate, Transport Malta.

Kwot. Nru. TM Quot 102/2013. Servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun tat-Tramuntana għad-Direttorat tat-Toroq u Infrastruttura, Transport Malta.

Kwot. Nru. TM Quot 103/2013. Servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun tan-Nofsinhar għad-Direttorat tat-Toroq u Infrastruttura, Transport Malta.

Kwot. Nru. TM Quot 104/2013. Servizzi ta' Gwardjani Lokali għar-Reġjun Ċentrali għad-Direttorat tat-Toroq u Infrastruttura, Transport Malta.

Kwot. Nru. TM Quot 113/2013. Provvista ta' *overhead traffic light poles* għat-Taqsima Residenzjali u tal-Manutenzjoni.

Il-kwotazzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jitniżżlu, mingħajr ħlas, mill-*website* ta' Transport Malta: (www.transport.gov.mt).

It-28 ta' Marzu, 2013

Quot. No. TM Quot 102/2013. Services of Local Wardens for the North Region to the Roads and Infrastructure Directorate, Transport Malta.

Quot. No. TM Quot 103/2013. Services of Local Wardens for the South Region to the Roads and Infrastructure Directorate, Transport Malta.

Quot. No. TM Quot 104/2013. Services of Local Wardens for the Central Region to the Roads and Infrastructure Directorate, Transport Malta.

Quot. No. TM Quot 113/2013. Supply of overhead traffic light poles for the Residential and Maintenance Unit.

The above quotations may be downloaded, free of charge, from the Transport Malta website: (www.transport.gov.mt).

28th March, 2013

IL-KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA (NCPE)

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tgħarraf illi:

Sa nofsinhar tat-Tnejn, il-15 ta' April 2013, jintlaqgħu sottomissjonijiet ta' servizzi għall-provvediment ta':

Kwot. Nru. QT/03/2013.Rapport Annwali 2013 – pubblikazzjoni u *data disc*.

Mistoqsijiet jistgħu jintbagħtu fuq l-indirizz: (equality@gov.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 9 ta'April 2013. Is-sottomissjonijiet jistgħu jintbgħatu jew permezz tal-istess *email* jew fl-indirizz imsemmi hawn taħt . Speċifikazzjonijiet tekniċi jinkisbu mill-NCPE fuq (equality@gov.mt) jew mill-*website* tal-NCPE muri hawn taħt).

Huwa rrakkommandat li l-persuni interessati f'din is-sejħa għal stimi, għandhom jinfurmaw lill-NCPE bl-interess tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġu infurmati immedjatament bi kwalunkwe komunikazzjoni/kjarifika relatati.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)
Dar Gattard, Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850, Fax: 2590 3851
E-mail: equality@gov.mt;
Website: www.equality.gov.mt

It-28 ta' Marzu, 2013

NATIONAL COMMISSION FOR THE PROMOTION OF EQUALITY (NCPE)

The National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) notifies that:

Submissions will be received up to noon of Monday, 15th April 2013 for the provision of:

Quot. No. QT/03/2013. Annual Report 2012 - publication and data disc.

Any queries should be sent to (equality@gov.mt) by Tuesday, 9th April 2013. Quotations can be sent either via same e-mail address or at the below mentioned address. Full technical specifications can be obtained from NCPE on (equality@gov.mt) or from the NCPE's website refered to hereunder.

It is recommended that interested bidders register such interest with NCPE so that they can be notified immediately of any communication/clarification issued in relation to such quotation in the following address:

The National Commission for the Promotion of Equality (NCPE)
Gattard House, Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2590 3850, Fax: 2590 3851
E-mail: equality@gov.mt;
Website: www.equality.gov.mt

28th March, 2013

AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU

L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, il-11 ta' April, 2013, fl-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MTA/846/2013. Offerta f'żewġ lottijiet għal:

Lott 1: Provvista u installazzjoni ta' *Security CCTV Systems* ħdejn il-Kappella tal-Providenza (limiti tas-Siġġiewi), Ħlantun (limiti ta' Ħal Safi/iż-Żurrieq) u l-Maqluba (limiti tal-Qrendi)

Lott 2: Manutenzjoni ta' *Security CCTV Systems* ħdejn il-Kappella tal-Providenza (limiti tas-Siġġiewi), Ħlantun (limiti ta' Ħal Safi/iż-Żurrieq) u l-Maqluba (limiti tal-Qrendi)

(Parti mill-Maltagoesrural)

Kopja elettronika tad-dokument tal-offerta f'format "pdf" tista' tinbagħat lill-offerenti prospettivi wara li jagħmlu talba formali lid-Dipartiment tal-*Procurement* indirizzata lil: (patrick.attard@visitmalta.com) jew titniżżel minn fuq il-*website* tal-Awtorità: (mta.com.mt).

Offerenti prospettivi jiġu rreġistati mal-MTA meta l-offerta tinxtara għall-prezz ta' €50 mid-Dipartiment tal-*Procurement*, l-Ewwel Sular, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1170. Id-dokumenti tal-offerti jinfetħu quddiem il-pubbliku minnufih wara l-ħin tal-għeluq fil-*Boardroom*, l-Ewwel Sular, L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu żżomm id-dritt li fid-diskrezzjoni tagħha biss tagħżel l-offerta li tkun l-aktar vantaġġuża skont il-bżonnijiet tal-Awtorità.

It-28 ta' Marzu, 2013

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Chief Executive Officer notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than 10.00 a.m. of Thursday, 11th April, 2013, for:-

Advt. No. MTA/846/2013. Tender in two lots for:

Lot 1: the supply and installation of Security CCTV Systems near tal-Providenza Chapel (l/o Siggiewi), Ħlantun (l/o Safi/Zurrieq) and Maqluba (l/o Qrendi)

Lot 2: Maintenance of Security CCTV Systems near tal-Providenza Chapel (l/o Siggiewi), Hlantun (l/o Safi/Zurrieq) and Maqluba (l/o Qrendi)

(Part of the Maltagoesrural project)

An electronic copy of the tender document in "pdf" format can be sent to prospective bidders on receipt of a formal request made to the Procurement Department addressed to: (patrick.attard@visitmalta.com) or downloaded from the Authority's website on: (mta.com.mt).

Prospective bidders will be registered with MTA when the tender is purchased for the fee of €50 from the Procurement Department, First Floor, Malta Tourism Authority, Auberge D'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1170. The tender documents will be opened before the general public immediately after the closing time in the Boardroom, First Floor, Malta Tourism Authority. The Malta Tourism Authority reserves the right to choose that offer which in its sole discretion represents the most advantageous tender for the needs of the Authority.

28th March, 2013

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013
Assi 3 – Intejbu l-Kwalità tal-Ħajja f'Żoni Rurali
Offerta parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
Tender part-financed by the European Union
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

AĠENZIJA PROGRAMMI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Koordinatur Nazzjonali jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-15 ta' April 2013, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. EMYP/02/2013. Provvediment ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' konferenzi għal Our White Sea V.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinġabru mill-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea, Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Santa Venera.

L-offerti għandhom jingħalqu f'envelop magħluq u jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fl-Aġenzija Programm tal-Unjoni Ewropea, Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija, Santa Venera.

Din il-konferenza hija ffinanzjata mill-Euromed Youth Platform.

It-28 ta' Marzu, 2013

EUROPEAN UNION PROGRAMMES AGENCY

The National Coordinator notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 15th April 2013, for:-

Advt. No. EMYP/02/2013. Provision of accomodation and conference facilities for Our White Sea V.

Tenders should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained from the European Union Programmes Agency, Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Santa Venera.

Tenders should be enclosed in a sealed envelope and deposited in the tender box, located at the European Union Programmes Agency, Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija, Santa Venera.

This conference is financed by the Euromed Youth Platform.

28th March, 2013

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur, Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-12 ta' April 2013, fil-Ministeru għal Għawdex, Sezzjoni tal-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. QDPD 22/2013. Provvista u konsenja ta' siment iswed *(ordinary portland cement)* u siment abjad *(white portland cement)* biex jintuża mid-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex - Kuntratt Perjodiku.

Dan id-dokument tal-kwotazzjoni jinkiseb mingħajr ħlas.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-fergħa tal-Agrikultura fil-Ministeru għal Għawdex, Ir-Rabat, Għawdex bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m., f'kull ġurnata tax-xogħol, kif ukoll minn fuq il-*website* tal-Ministeru: (http://www.gozo.gov.mt/GozoPortal/procurement/quotations.aspx).

It-28 ta' Marzu, 2013

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 12th April 2013, for:-

Quot. No. QDPD 22/2013. Supply and delivery of ordinary portland cement and white portland cement for use by the Projects and Development Directorate, Ministry for Gozo - Period Contract.

This quotation document is free of charge.

Quotations should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Ministry for Gozo, Agriculture Department, St Francis Square, Victoria, Gozo, from 8.00 a.m. till 11.00 a.m. or downloaded from the Ministry's website: (http://www.gozo.gov.mt/GozoPortal/procurement/quotations.aspx).

28th March, 2013

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Iċ-*Chief Executive Officer,* Taqsima tal-*Procurement* u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa, Gwardamanġa, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' April, 2013, fil-Kaxxa l-Ħadra fir-*reception area* tas-Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 505. *Screws and plates for Orthognatic system* .

Il-PFI tista' tinkiseb minn fuq: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-*Central Procurement and Supplies Unit* f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-28 ta' Marzu, 2013

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer, Procurement and Supplies Unit, Ministry for Health, Gwardamanġa, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Central Procurement and Supplies Unit, Gwardamanġa, Malta, by 10.00 a.m. of Monday, 1st April, 2013, for:-

Quot. PFI No. 505. Screws and plates for Orthognatic system.

The above PFI can be downloaded from: (http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240).

Further information may be obtained from the Central Procurement and Supplies Unit on any working day between 8.30 a.m. and noon.

28th March, 2013

KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA

Il-Kunsill Lokali Ix-Xewkija jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' April 2013 jintlaqgħu offerti magħluqin għas-servizzi ta' hawn taħt:-

Avviż Nru. 2013-1. Restawr u tlestija ta' struttura rurali fil-Ġnien Ta' Blankas, Ix-Xewkija.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill minn nhar l-Erbgħa, it-3 ta' April 2013 'il quddiem għal ħlas ta' €30 kull kopja.

L-offerti jinfetħu fil-preżenza tal-pubbliku minnufih wara li jagħlqu.

Il-Kunsill jgħarraf li jista' jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-28 ta' Marzu, 2013

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

The Xewkija Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 26th April 2013, for the following services:-

Advt. No. 2013-1. Restoration and finishing of a rural structure at Ta' Blankas Olive Grove, Ix-Xewkija.

Tender documents may be collected from the Council's Office from Wednesday, 3rd April 2013 onwards against a fee of €30 for each copy.

Tenders will be opened immediately after closing time, in the presence of the public.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

28th March, 2013

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013
Assi 3 – Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja fiż-Żoni Rurali
Din l-offerta qed tiġi kkunsidrata sabiex tiġi
parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013
Axis 3 – Improving the Quality of Life in Rural Areas
This tender is being considered for
European Union part-financing
Co-financing Rate: 75% European Union, 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

482

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Settembru 2012, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 673/12, fl-ismijiet Dr Martin Fenech et vs Ratan Mohnani, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Ratan Mohnani ta' 146/2, Tower Road, Sliema, fis-7 ta' Marzu 2012, Dr Martin Fenech u PL Edgar Montanaro, ta' 3, Palm Street, St Julians, filwaqt li jagħmlu referenza għal kawża 306/06SM fl-ismijiet Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ġunju 2010 jinterpellawk sabiex fi żmien ġimgħa inti tħallas s-somma ta' €1,404.89 u €593.22 skont l-annessi taxi, Dok A u B, oltre €240.24 VAT b'kollox €2,238.35.

Din l-ittra qed tintagħat sabiex tirrendi titolu eżekuttiv il-kreditu tal-mittenti.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Marzu 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 27th September 2012, in the records of the judicial letter number 673/12, in the names Dr Martin Fenech et vs Ratan Mohnani, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of effecting service, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Ratan Mohnani of 146/2, Tower Road, Sliema, on the 7th March 2012, Dr Martin Fenech and PL Edgar Montanaro of 3, Palm Street, St Julians, whilst making reference to the law suit 306/06SM in the names Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala decided from the Court of Appeal on the 11th June 2010, solicit you so that within one week you pay the sum of €1,404.89 and €593.22 according to the attached taxed bill of costs marked Document "A" and "B", besides €240.24 representing VAT, which together amount to €2,238.35.

This letter is being sent to render the debt due to the applicants an executive title.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 22nd March 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

483

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Frar 2013, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Golden Harvest Mfg Co Ltd – C176 ta' UB21, Industrial Estate, San Ġwann, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Ottubru 2012 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Vanguard Gaming Limited (C44634) ta' Vanguard House, Triq Luqa Briffa, Gżira u George Galea (K.I. 41573M) ta' Il-Ħarruba, Triq Santa Marija, Magħtab/Naxxar, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,524.46 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviż Nru. 365/12CSH) hija differita għall-4 ta' April 2013 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 27 ta' Marzu 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 12th February 2013, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Golden Harvest Mfg Co Ltd C-176 of UB21, Industrial Estate, San Ġwann, filed a Claim on the 30th October 2012, whereby they asked the Court to condemn Vanguard Gaming Limited (C44634) of Vanguard House, Triq Luqa Briffa, Gżira and George Galea (I.D. 41573M) of Il-Ħarruba, Triq Santa Marija, Magħtab/Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of €3,524.46 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 365/12CSH) is put off to the 4th April 2013 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 27th March 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

484

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-15 ta' Marzu 2013, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Abela Vincenzo et, rikors numru 85/13 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Vincenzo u Romina miżżewġin Abela (K.I. numru 362869(M) u 379174(M), fid-29 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati imsemmija fir-rikors u tikkundanna lil Vincenzo u Romina miżżewġin Abela, iħallsu lis-soċjetà attriċi, is-somma ta' tlieta u disgħin elf, disa' mija u tlieta u erbgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€93,943.15) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' ta' Vincenzo u Romina miżżewġin Abela, mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-15 ta' Settembru 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

Xhieda.

Elenku ta' Dokumenti Esebiti.

Soċjetà attriċi: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190.

Konvenuti:1. Vincenzo Abela,
Sunrise, Flat 4,
Triq l-Għaġuża,
Marsaskala

2. Romina Abela,
111, Carmel Court, Flat 2,
Mensija Road,
San Ġwann

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Abela Vincenzo et, rikors numru 85/13 AE, jinsab differit għas-smigħ għall-24 ta' April 2013, fid-8.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Marzu 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 15th March 2013, in the records of the Sworn Application, in the names Bank of Valletta plc vs Abela Vincenzo et, application number 85/13 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Vincenzo and Romina spouses Abela (I.D. number 362869(M) and 379174(M), on the 29th January 2013, the applicants Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) asked this Honourable Court:

1.To declare and decide that there occurred one or more of the events mentioned in the contracts and private writings mentioned in the application and condemn Vincenzo and Romina spouses Abela, to pay the plaintiff company, the sum of ninety-three thousand, nine hundred forty-three Euro and fifteen cents (€93,943.15) balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' of Vincenzo and Romina spouses Abela, with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest, from the 15th September 2012, till the date of effective payment.

Witnesses.

List of Documents Exhibited.

Applicant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190.

Defendants: 1. Vincenzo Abela,
Sunrise, Flat 4,
Triq l-Għaġuża,
Marsakala

2. Romina Abela,
111, Carmel Court, Flat 2,
Mensija Road,
San Ġwann.

The Sworn Application in the names Bank of Valletta plc vs Abela Vincenzo et, application number 85/13 AE, has been put off for hearing to the 24th April 2013, at 8.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 25th March 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

485

B'digriet mogħti fis-26 ta' Frar 2013, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors fil-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet AIC Joseph Barbara et vs Nathalie Scicluna, rikors numru 61/09 FS, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellata Nathalie Scicluna, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree, given, on the 26th February 2013, by the Court of Appeal, in the record of the Application in the Court of Appeal, in the records of the cause in the names AIC Joseph Barbara et vs Nathalie Scicluna, application number 61/09 FS, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, Nathalie Scicluna, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet AIC Joseph Barbara u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2009, l-atti ġew trasfużi fl-isem ta' Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis stante l-mewt tal-Perit Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi proprio kif ukoll bħala prokuratur tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis vs Nathalie Scicluna, fid-29 ta' Mejju 2012, ir-rikorrenti Josephine (K.I. 179376M) mart Raymond Azzopardi proprio kif ukoll bħala prokuratur tal-imsiefra Anna Maria (bin-numru tal-passaport 644084) mart Salvatore Saddemi, Patricia (K.I. 198063M) mart David Anastasi u Greta (K.I. 331365M) mart Anthony Bartolo Parnis, umilment jesponu:

By means of an Appeal Application filed in the Court of Appeal, in the cause in the names AIC Joseph Barbara and by decree of the 8th June 2009, the records were transferred on to the name of Josephine Azzopardi, Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi and Greta Bartolo Parnis, following the death of Architect Joseph Barbara, Josephine wife of Raymond Azzopardi proprio as well as mandatary of the absent Anna Maria wife of Salvatore Saddemi, Patricia wife of David Anastasi and Greta wife of Anthony Bartolo Parnis vs Nathalie Scicluna, on the 29th May 2012, the applicants Josephine (I.D. 179376M) wife of Raymond Azzopardi proprio as well as mandatary of the absent Anna Maria (passport number 644084) wife of Salvatore Saddemi, Patricia (ID 198063M) wife of David Anastasi and Greta (I.D. 331365M) wife of Anthony Bartolo Parnis, humbly pray:

Illi permezz tal-kawża fl-ismijiet premessi u bir-rikors numru 61/09 FS, l-esponenti talbu li, 'prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti:

That by means of a cause in the names premised and in virtue of application number 61/09 FS, the applicants prayed that, 'saving any necessary and opportune declaration and for the reasons premised this Honourable Court:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi għar-raġunijiet esposti, fl-istess rikors maħluf, l-intimata għandha tħallas kumpens għall-okkupazzjoni illegali u illeċita tal-appartament numru 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan, liema kumpens għandu jiġi kkalkulat sad-data tal-effettiv żgumbrament.

i. Declare and decide that for the reasons brought forward in the same sworn application, the respondent is to pay compensation for the illegal and illicit occupation of the appartment number 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, St. Julian's, which compensation is to be calculated, till the date of effective eviction.

ii. Tillikwida l-kumpens għall-imsemmija okkupazzjoni okkorrendo bl-għajnuna ta' periti nominandi;

ii. Liquidate the compensation for the said occupation if necessary by the appointment of referees.

iii. Tikkundanna lill-istess intimata tħallas lir-rikorrenti, l-ammont hekk likwidat bl-ispejjeż.

iii. Condemn the same respondent to pay the applicant the amount so liquidated, with costs.

Illi għal dawn it-talbiet l-intimata wieġbet, billi eċċepiet fl-ewwel lok l-intempestività tal-azzjoni, in vista ta' kawża pendenti fl-istess ismijiet ..omissis.. oltre li konsegwentement l-ebda waħda mit-talbiet ma tista' tintlaqa' u għalhekk għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.

That in reply to these demands, the respondent answered, by pleading in the first instance that the action is untimely, in view of the cause, pending in the same names ..omissis... besides, that consequently, none of the demands can be upheld and thus they should be rejected, with costs.

Illi permezz tas-sentenza tagħha, tat-18 ta' Mejju 2012, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet il-kawża fl-ismijiet premessi dan billi wara li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intempestività u konsegwentement l-eċċezzjoni l-oħra li l-ebda waħda mit-talbiet ma tista' tintlaqa', l-istess Onorabbli

That in virtue of its judgement of the 18th May 2012, the Honourable First Hall Civil Court, decided the cause, in the names premised, and this after it rejected the plea that the action was untimely and consequently the other plea that none of the demands can be upheld, the same Honourable

Qorti sabet it-talbiet ġustifikati u ddikjarat u ddeċidiet li għarraġunijiet mogħtija fl-istess sentenza l-intimata, għandha tħallas kumpens, għall-okkupazzjoni illegali u illeċita tal-appartament numru 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan, illikwidat il-kumpens għall-imsemmija okkupazzjoni, fl-ammont ta' €10,000 ikkundannat lill-istess intimata, tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €10,000, bl-ispejjeż, kontra l-intimata.

Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata mis-sentenza surreferita, limitatament fir-rigward ta' dak il-kap tas-sentenza li llikwida l-kumpens offrut lilha mill-intimata fis-somma ta' (€10,000) u għaldaqstant qed tinterponi dan l-umli appell mill-istess kap tas-sentenza.

Illi l-fatti li taw lok għall-azzjonijiet surreferiti kif jirriżultaw mill-assjem tal-provi prodotti, jistgħu jiġu sintetizzati fis-segwenti punti;

a) Illi r-rikorrenti huma proprejtarji tal-appartament numru 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan. Fil-mori tal-kawża ġie nieqes il-Perit Joseph Barbara u saret id-debita leġittimazzjoni tal-atti f'isem uliedu, il-bqija tal-atturi.

b) Illi l-intimata kienet oriġinarjament qed tiddetjeni l-pussess tal-fond surreferit b'titolu ta' sub-ċens temporanju, li kien jiskadi fl-14 ta' Ġunju 2002.

ċ) Illi sussegwentement għal din l-iskadenza l-intimata, ġiet qed tokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u dan vista ta' dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali, permezz tas-sentenza tagħha fl-ismijiet 'AIC Joseph Barbara vs Cachia' u mill-Qorti tal-Appell, permezz tas-sentenza fl-ismijiet 'Nutar Dott. Herbert Cassar vs Alice Turner' deċiża fit-30 ta' Ġunju 2004. Permezz ta' dawn iż-żewġ sentenzi kien ġie deċiż li l-protezzjoni offerta mill-Ordinanza dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba' (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta) ma kenitx applikabbli għal ċnus bħal dik in eżami.

d) Illi, sussegwentement għal dawn id-deċiżjonijiet, permezz tal-Att XVIII tal-2007, daħal in vigore l-art 12 A tal-istess Ordinanza dwar il-Kontroll tad-Djar li permezz tal-istess ingħata d-dritt retroattiv lil subċenswalist bħala ma kienet l-intimata.

...omissis...

e) Illi fi kwalunkwe każ l-attriċi kellha informazzjoni li l-intimata ma kenitx qed tokkupa l-fond bħala r-residenza ordinarja tagħha u dan peress illi kienet marret tirrisjedi mal-'partner' tagħha f'Ħaż-Żebbuġ.

…omissis…

Court, found that the demands were justified and declared and decided for the reasons brought forward in the same judgement, that the respondent is to pay compensation for the illegal and illicit occupation of the appartment number 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, St. Julian's, liquidated the compensation for the said occupation, in the amount of €10,000, with costs, against the respondent.

That the applicants, felt aggrieved by the above mentioned judgement, limitedly as regards that part of the judgement which liquidates the compensation due to them by the respondent, in the sum of (€10,000) and thus is submitting this humble appeal from the same head of the judgement.

That the facts which gave rise to the above mentioned action, as they result from the totality of the proof brought forward, can be summarised in the following points;

a) That the applicants are the owners of the appartment number 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, St. Julian's. During the proceedings Architect Joseph Barbara, died, and the records of the cause were duly tranferred on to the name of his children, the rest of the applicants.

b) That the respondent was originally witholding the possession of the premises above mentioned by title of temporary sub-empytheusis,which lapsed on the 14th June 2002.

c) That following the said date, the respondent, is occupying, the premises without any valid title at law and this in view of that decided by the Constitutional Court, by means of its judgement in the names 'AIC Joseph Barbara vs Cachia' and by the Court of Appeal, by means of the judgement, in the names 'Nutar Dr Herbert Cassar vs Alice Turner' decided on the 30th June 2004. In virtue of these two judgements, it had been decided that the protection offered, by the Ordinance regarding the Control of Rural Leases' (Cap. 158 of the Laws of Malta) was not applicable to emphyteusis like that in question.

d) That subsequently to these decisions, by means of Act XVIII of 2007, Art 12 A of the same Ordinance regarding the Decontrol Act, in virtue of which a retroactive right to the sub empytheutae, like the respondent, was given.

...omissis…

e) That in any case the applicant was informed that the respondent was not occupying the premises as her ordinary residence and this because she went to reside with her 'partner' in Ħaż-Żebbuġ.

...omissis...

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti.

1. Illi huwa opportun li qabel xejn jiġi ppreċiżat li l-kawża odjerna kienet tinsab miexja flimkien ma' dik bl-istess ismijiet bir-rikors numru 34/07, li kienet tirrigwarda t-talba għall-iżgumbrament tal-intimata mill-istess fond, liema talba ġiet milqugħa b'sentenza datata 18 ta' Mejju 2012, il-kawża odjerna bir-rikors numru 61/09 FS, kienet tirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' kumpens ta' danni sofferti bħala konsegwenza ta' tali okkupazzjoni.

2. Illi għaldaqstant l-appell odjern huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza mogħtija fir-rikors numru 61/09 FS, permezz tal-Ewwel Onorabbli Qorti, illimitat il-kumpens dovut mill-intimata lill-esponenti fis-somma ta' €10,000 biss. Jidher fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti, qablet 'in toto' mas-sottomissjonijiet legali magħmulin mill-esponenti, tant illi ċċitat anke fis-sentenza l-istess każistika ċitata mill-esponenti, fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom. Madankollu meta ġiet biex tapplika l-prinċipji legali riżultanti minn tali każistika l-Ewwel Onorabbli Qorti, ddeċidiet hekk:

'Meta l-Qorti tqis iċ-ċirkustanzi tal-każ jidhrilha li jkun ferm diffiċli li tagħmel is-sempliċi multiplikazzjonijiet li jsemmu r-rikorrenti u tħoss li għandha tevalwa l-fatturi kollha u tasal għal figura ta'€10,000.

3. Illi lil hinn minn dak li jinsab hawn fuq ċitat l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma offriet l-ebda indikazzjoni ta' liema kienu dawk ir-raġunijiet legali u/jew ta' fatti li wassluha sabiex tillikwida d-danni fl-ammont surreferit. Bil-kontra ta' dan jidher li l-istess Onorabbli Qorti, apprezzat il-prinċipji legali applikabbli għall-każ, però għal xi raġuni jew oħra, li ma jinsabux indikati fis-sentenza appellata, waslet għall-konvinċiment li danni kellhom jiġu limitati għas-somma surreferita.

4. Illi stabilita l-eżistenza tal-event dannuż u cioè tal-fatt li l-intimata kienet qed tokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u kwindi illegalment u abbużivament ...omissis... jifdal biss li jiġi likwidat id-dannu effettivament subit mill-esponenti.

5. Illi f'dan ir-rigward il-każistika nostrana tipprovdi s-segwenti insenjamenti li kellhom ċertament isibu applikazzjoni f'dan il-każ;

...omissis...

That the grievances were clear and manifest and consist in the following.

1. That it is opportune that in the first place it is cleared that the present cause was being proceeded with, that in the same names, application number 34/07, which related to the demand for the eviction of the respondent, from the same premises, which demand was upheld by a judgement dated 18th May 2012, the present cause with application number 61/09 FS, related to the demand for the compensation of damages suffered as a consequence of the said occupation.

2. That thus the present appeal, is limited only to that part of the the judgement given in the application number 61/09 FS, in virtue of which the Honourable Court of First Instance, limited the compensation due by the respondent to the applicants, in the sum of €10,000, only. It appears that the Honourable Court of First Instance, limited the compensation due by the respondent to the applicants only to the sum of €10,000. It appears, infact that the Honourable Court of First Instance, agreed 'in toto' with the legal submissions made by the applicants, in their note of submissions. However when it came to apply the legal principles resulting from the said case law, the Honourable Court of First Instance, decided so:

'When the Court considers, the circumstances of the case, it is of the opinion, that it is very difficult, to do simple multiplications which the applicants mention and feels that it should evaluate all the factors and arrives at the figure of €10,000.

3. That apart from that quoted above, the Honourable Court of First Instance, did not offer any indication as to which were those legal reason and/or facts which led it to liquidate the damages in the above mentioned amount. Contrary to this it appears that the same Honourable Court, evaluated the legal principles, applicable to the cause, however for some reason or other, which are not indicated in the judgement appealed, it arrived at the conclusion that these damages had to be limited to the above mentioned sum.

4. That once the damaging factor is established and namely the fact that the respondent was occupying the premises without a valid at law and thus illegally and abusively ...omissis... there only remains that there be established the damage effectively suffered by the applicants.

5. That in this regard our jurisprudence provides the following principles which had definitely to be applied in this cause.

...omissis...

6. Illi f'dan ir-rigward il-Perit Tekniku Valerio Schembri, ikkonkluda li l-valur lokatizzju huwa ta' (€6,600) ...omissis... u kwindi ma kien hemm l-ebda raġuni li għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma kellhiex tillikwida d-dannu subiti mill-esponenti f'dak l-ammont li jirrifletti l-valur tal-kera li l-fond relattiv kien jattira.

...omissis...

7. Illi għaldaqstant huwa għal kollox inġust li d-dannu sopportat mill-esponenti jiġi kkwantifikat fis-somma ta' (€10,000) meta l-istess intimata kienet qed tikri l-fond b'kera ta' (€400) fix-xahar …omissis... Huwa evidenti wkoll kemm mir-rapport tekniku tal-Perit Valerio Schembri u kif ukoll mix-xhieda mogħtija minn Adriano Gusman, fil-kawża li kienet tinsab miexja ma' dik odjerna li d-dannu rekat lill-esponenti, huwa ferm akbar minn dak likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

8. Illi ulterjorment ma teżisti l-ebda raġuni u fil-fatt ma ngħatat ebda raġuni fis-sentenza appellata, li tiġġustifika li jiġi likwidat favur l-esponenti kumpens li jkun anqas minn dak riżultanti mis-somma ottjenuta wara li jiġi multiplikat l-ammont ta' kera li jista' jġib il-fond fuq is-suq.

...omissis...

Għaldaqstant l-appellanti filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi prodotti kemm fil-kawża odjerna u kif ukoll fil-kawża fl-istess ismijiet u bir-rikors numru 34/07 u filwaqt li jirreservaw minn issa d-dritt li jipproduċu dawk il-provi kollha li huma ammissibbli skont il-liġi, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet sottomessi tikkonfema s-sentenza appellata datata 18 ta' Mejju 2012, mogħtija fl-atti tar-rikors numru 61/09 FS, kif jingħad f'dan ir-rikors u tillikwida l-kumpens għall-imsemmija okkupazzjoni, f'dan l-ammont li jirriżulta skont dak hawn fuq sottomess, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimata.

Appellant: 'Pepita' Triq il-Baħar l-Iswed, St. Julian's.

Appellat: Flat 52, Block D, St. Julian's Court, Triq is-Sur Fons, St. Julian's.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 25 ta' Marzu 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

6. That in this regard the Techincal Referee Valerio Schembri, concluded that the value of the lease is of (€6,600) ...omissis... and thus there was no reason for which the Honourable Court of First Instance, should not have liquidated the damages suffered by the applicants in that amount, which reflects the value of the lease which the relative premises could achieve.

...omissis...

7. That thus it is totally unjust that the damages suffered by the applicants, be quantified in the sum of (€10,000) when the same respondent was granting the premises on lease towards the rent of (€400) monthly ...omissis... It is evident also from the report of the techincal referee Architect Valerio Schembri, as well as from the evidence given by Adriano Gusman, in the cause which was being heard with the present one that the damage being caused to the applicants is much greater from that liquidated by the Court of First Instance.

